**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 347 / 2022**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Sarah K. Zerafa)**

**vs**

**Joseph Zahra**

Illum 25 t'Ottubru 2022

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti Joseph Zahra, detentur tal-karta tal-Identita' numru 293553 (M), akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli:

Fl-20 ta' Lulju, 2018, bejn id-09:30hrs u l-10:50hrs gewwa CCF, ingurja jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna tad-Direttur Generali, Alexander Dalli, CO 230 M. Aquilina u CO 238 D. Camilleri inkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghahom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, ta' nhar it-8 ta' Lulju, 2022, fejn il-Qorti wara li rat Artikolu 95 tal-Kodici Kriminali, iddikjarat lill-imputat hati tal-imputazzjoni dedotta fil-

konfront tieghu ghal dak li jirrigwarda biss ingurji fil-konfront ta' CO 230 u ta' CO 238 izda mhux fil-konfront ta' Alexander Dalli, u kkundannatu ghall-hlas ta' multa ta' tmien mitt ewro (€800).

In oltre, ai terminu tal-Artikolu 382 A tal-Kodici Kriminali, harget Ordni ta' Trazzin ghal zmien tliet (3) snin mil-lum sabiex jigu kawtelati CO 230 u CO 238 u dan skont il-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet moghti llum kontestwalment u li jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appellanti Joseph Zahra minnu pprezentat fis-26 ta' Lulju, 2022, fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tikkonferma biss dik il-parti tas-sentenza fejn ma sabitx htija ghal dak li jirrigwarda ingurji fil-konfront tal-ex Direttur Generali Alexander Dalli, u thassar u tirrevoka s-sentenza moghtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti fit-tmienja (8) ta' Lulju tal-elfejn u tnejn u ghoxrin (2022) fl-ismijiet "il-Pulizija vs Joseph Zahra", fil-kumplament billi tiddikjara illi l-imputat qua appellant Joseph Zahra mhuwiex hati tal-akkuzi dedotti fil-konfront tieghu u konsegwentement tillibera lill-appellanti minn kull htija u piena, JEW minghajr pregudizzju, tirriforma s-sentenza billi thassar u tirrevoka l-piena u tipprovdi ghal piena aktar ekwa u gusta.

Rat illi l-appellant hassu aggravat minn dina s-sentenza ghaliex ihoss li l-ewwel Qorti ma kelliex issib htija, u ghalhekk qed jinterponi dan l-umli appell mis-sentenza fuq citata.

## 3. L-Aggravji

I. Illi l-**Ewwel Aggravju** huwa car u manifest u jikkonsisti fil-fatt illi nkiser il-principju tan-***Ne bis In idem*** u ghalhekk anke d-drittijiet tal-imputat, meta rega' tressaq quddiem l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali wara li kien diga' deher u gie ddixxplinat quddiem il-Bord ta' dixxiplina u dana kif jirrizulta car mix-xhieda u miid-dokumenti prodotti mis-Sur Helenio Galea. Id-Dokumenti jghidu carament illi *"In virtue of Prison Regulations of 1995, Regulations 74 and 75* ***disciplinary action is being taken against you"*** u hemm imnizzel ukoll li effettivament l-imputat *qua* appellant tilef gurnata remission u dana kif jirrizulta mid-dokumenti minhabba l-incident li sehh propju fl-20 ta' Lulju 2018, li izda fuqu rega' tressaq quddiem l-ewwel Qorti fejn inghatat is-sentenza mertu tal-appell odjern. Ill**i allura dan huwa kaz car ta' fejn l-imputat instab hati u gie moghti piena u gie kkastigat darbtejn.** Din ma setghet qatt issir u ghalhekk l-ewwel Qorti ma setghetx taghti din is-sentenza fil-kontront tal-imputat izda kellha tilliberah propju minhabba dan il-principju.

Illi ghalhekk dan l-ewwel aggravju jisthoqlu li jkun milqugh u ghandu jwassal ghal liberatorja tal-imputat *qua* appellant Joseph Zahra.

II. Illi t-**Tieni Aggravju** huwa wkoll car u manifest u minghajr pregudizzju ghall-ewwel aggravju, jikkonsisti fil-fatt illi l-**ahjar prova ma tressqitx u cioe' kemm cctv footages** u dana fid-dawl tal-fatt illi l-facilita' korrettiva ta' kordin mimlija bihom, **u lanqas tela' jixhed** dak li kellu jkun ix-xhud principali s-**Sur Alexander Dalli.** Ma gew provduti l-ebda filmat jew recordings ta' dak li gara u lanqas lamenu stilts li juru li verament s-Sur Dalli kien qieghed hemmhekk. Inoltre' s-Sur Alexander Dalli kif jidher

sabiex jixhed quddiem l-ewwel Qorti fis-seduta tal-14 ta' Marzu 2022, izda wara li gie msejjah diversi drabi ma deherx u l-prosekuzzjoni kienet sprovvista mir-riferti. Illi effettivament l-allegat diskors sar fil-konfront ta' Alexander Dalli u ghalhekk kellu jkun hu li jitla' jixhed bhala l-ahjar prova apparti l-footages. Dan ifisser li xhud li potenzjalment kien ikun ix-xhud principali tal-Prosekuzzjoni **ma ttellax biex jixhed kontra tal-appellanti**, kif ser jigi trattat f' aggravju iehor in fatti l-Qorti ma sabitx htija fuq ingurji fil-konfront ta' Alexander Dalli propju ghal din ir-raguni. Illi bid-dovut rispeett fil-kamp penali htija trid tinsab oltre' kull dubju dettat mir-raguni jew ahjar sal konvinciment morali tal-gudikant. Izda' galadarba la xehed ix-xhud li kellu jkun wiehed principali u lanqas gew prezentati footages jew recordings xi haga li facilment setghet issir, il-kumplament tal-provi prodotti qatt ma setghu jwasslu ghal konvinciment morali meta anke l-ewwel Qorti indikat in-nuqas ta' xhieda ta' Alexander Dalli u lliberat lill-appellanti fil-konfront tieghu;

Illi fid-dawl ta' dan it-tieni aggravju wkoll ghandu jkun milqugh u ghandu jwassal ghal liberatorja tal-imputat *qua* appellant.

III. Illi t-**<u>Tielet Aggravju</u>** huwa ukoll car u manifest u dana minghajr pregudizzju ghal dak suespost, u jikkonsisti fil-fatt illi hu nstab hati wara li **<u>l-ewwel Qorti tat interpretazzjoni mhux korretta tax-xiehda moghtija mill-Ufficjali Korrettivi meta qalet:</u>**

<u>*"Illi mill-provi mressqa permezz tax-xhieda tal-ufficjali tal-Facilita` Korrettiva ta' Kordin, jirrizulta illi sar theddid fil-konfront ta' CO 230 u ta' CO 238 meta indirizzahom bi kliem vulgari kif ukoll insulentahom."*</u>

Illi bid-dovut rispett jintqal illi **<u>la mix-xhieda moghtija minn CO 230 u lanqas mix-xhieda moghtija minn CO 238 ma jirrizulta li ndirizza</u>**

**<u>lilhom bi kliem vulgari kif ukoll insulettahom.</u>** Minghajr pregudizzju ghal dak li ntqal fix-xhieda tal-imputat fejn qal illi qatt ma ra lis-Sur Dalli, mix-xhieda taz-zewg ufficjali jirrizulta illi huma xehdu illi d-diskors sar fil-konfront tas-Sur Alexander Dalli u mhux tal-ufficjali, u din tohrog car a fol 10 fix-xiehda ta' Co230 li jghid *"**<u>Mela beda jghajjat fil-konfront tad-Direttur, beda jghidlu jekk nista' nirrepeti…".</u>***

Illi pero' filwaqt illi l-ewwel Qorti kienet gusta fejn ma sabitx lill-imputat hati fil-konfront tas-Sur Dalli u dana in vista tal-fatt illi lanqas tela' jixhed u anke fid-dawl tax-xhieda tal=imputat fejn qal li qatt ma rah, ma kellha lanqas issib htija fil-konfront tal-ufficjali l-ohra ghaliex irrizulta ampjament illi d-diskors ma ntqalx fil-konfront taghhom.u ghalhekk la ma nstabx hati fil-konfront tas-Sur Dalli, lanqas setgha jinstab hati fil-konfront tal-ufficjali.

Madonakollu l-Qorti fis-sentenza taghha qalet hekk:

> *"Illi f' dawn il-proceduri ma xehedx l-eks Direttur Generali, Alexander Dalli, u kwindi din il-Qorti ma tistax tistrieh fuq il-verzjoni tieghu.*
>
> *Illi ghalhekk, il-Qorti hija tal-fehma illi gie ppruvat mill-Prosekuzzjoni, illi l-imputazzjoni giet ippruvata biss fil-konfront ta' ingurji fil-konfront ta' CO 230 u CO 238 izda mhux fil-konfront ta' Alexander Dalli."*

Illi pero' ix-xhieda tal-ufficjali korrettivi ma setghet qatt twassal lill-ewwel Qorti sabiex issib htija fil-kamp penali li ma thallix dubju dettat mir-raguni, u l-provi prodotti qatt ma setghu jwasslu ghal konvinciment morali li l-imputat *qua*

appellant qal dak id-diskors fil-konfront tal- ufficjali korrettivi CO 230 u Co 238. Minghajr pregudizzju, anke jekk dan il-kliem inghad quddiem ma kienx fil-konfront taghhom u ghalhekk ma kienx hemm lok fejn il-Qorti ssib il-htija;

Ghaldaqstant ix-xiehda tal-ufficjali korrettivi ma kienitx bizzejjed sabiex tigi kwalifikata bhala prova li twassal lill-gudikant ghall-konvinciment morali sabiex isib il-htija.

Fid-dawl ta' dan anke u minghajr pregudizzju ghall-aggravji l-ohra, anke dan l-aggravju jisthoqqlu li jkun akkolt u ghandu wkoll iwassal ghal nuqqas ta' sejbien ta' htija u liberatorja tal-appellanti.

IV. Subordinament, u minghajr pregudizzju ghal kull buon fini jintqal illi kellha tinghata **piena** aktar xierqa ghac-cirkostanzi tal-kaz, u li ma kienx hemm ghalfejn jehel ukoll ordni ta' trazzin f' dawn ic-cirkostanzi fejn normalment tinghata biss multa ta' Euros 800 meta jirrizultaw dawn l-akkuzi. U l-Ordni ta' trazzin u l-garanzija imposta kienu eccessivi f' dawn ic-cirkostanzi.

Semghet lill-partijiet jitrattaw l-appell u dan fis-seduta tad-29 ta' Settembru 2022

**Ikkunsidrat,**

Din il-Qorti ezaminat l-atti kollha u dan sabiex tara jekk l-appellant ghandux ragun fl-aggravji li ssolleva fir-rikors tal-appell tieghu.

Rat l-affidavit ta' **PS 463 Christopher Ellul** fejn dan spjega li nhar l-20 ta' Lulju 2018 f'12.00 irraporta fic-centru Korrettiv ta' Kordin wara li gie infurmat li certu Joseph Zahra maghruf bhala '*il gurdien*' kien qal kliem ta' theddid fil-konfront

tad-Direttur tal-Habs, Alexander Dalli kif ukoll kien qal xi kliem li insulentaw lil Correctional officers.

Fuq il-post, il-pulizija tkelmu ma CO230 Malcolm Aquilina fejn dan infurmah li id-Direttur Alexander Dalli kien qieghed jghamel vista fid-Division 6 meta Joseph Zahra li kien fic-cella 8 qal dan il-kliem fil-konfront tad-Dirttur " *Dan id-Direttur hara kollu; jien ma min jimxix tajjeb mieghi, barra bil-pistola inkun u l-ligi dejjem hadtha ja pastaz u pulcinell*." CO 230 qal li flimkien ma CO 238 David Camilleri infurmaw lil Joseph li kienu ha jirraportawh u meta qallu hekk hu qallhom '*Busuli l-bajd*."

Fil-10.50 iz-zewg corrrectional officers bdew isaqsu lir-residenti jekk irridux johorgu ghal siegha maghhom barra mic-cella hekk kif skond il-procedura tac-centru korrettiv Joseph Zahra stqarr li ried johrog izda nfurmawh li huwa kien ha jibqa' fic-cella minhabba l-kliem li qal, hawn u rega qal kliem offensiv meta qal lil correctional officer '"*F'oxx kemm ghandhom u busuli l-bajd*".

Joseph Zahra gie infurmat bl-akkuzi kontrih u gie infurmat li jista jkellem avukat, huwa qal li l-unika haga li kien ha jghid kienet li jichad dak kollu li akkuzawh.

Huwa gie infurmat li ha jinhargu l-akkuzi kontrih il-Qorti.

Rat l-okkorenza esebita fl-atti a fol. 3 redatta minn PS 483 Christopher Ellul.

Rat ix-xhieda ta' **CO 228 David Camilleri** moghtija nhar l-1 ta' Novembru 2018 fejn stqarr li ghal habta tal-20 ta' Lulju 2019 ghall-habta tad- 9.30 a.m kien mar jghamel visita id-Direttur Alexander Dalli fid-Division 6 u sakemm ghamel dan il-visit kien hemm l-inmate Joe Zahra u cioe l-akkuzat appellant u dan beda

jghajru u joffendih. Huma hargu u qallu li kellu isisr rapport waqt li kien qed jghajru u fl-istess hin qallu *" Jiena l-ligi nohodha b'idejja. Jiena s-senter ikolli barra."* Beda jghid kliem bhal *'Foxx kemm ghandu"* jigifieri dak it-tip ta' kliem. Imbaghad hu flimkien ma CO 230 hargu biex jghidulu li ghandu rapport u r-risposta tieghu kienet *"tistghu tbusuli l-bajd"* u *" Tiehdu foxx kemm ghandkom".* Huma kienu fid-Division tal-kastig Division 6 cella numru 8.

Rat ix-xhieda ta' **CO 230** fejn stqarr li fl-20 ta' Lulju 2018 ghall-habta tad-9.20 a.m nizel id-DG Sir Alex Dalli fid-Divizjoni 6 fejn kien qieghed stazzjonat dakinhar u kien hemm Joseph Zahra li beda jghajjat. Huwa gharaf lil Joe Zahra bhala l-akkuzat illum appellant odjern  Dan beda jghid li barra hu kien qed jigri bil-pistola u l-ligi dejjem b'idejh hadha. Huwa flimkien ma CO 238 Camilleri infurmawh li kienu ghamlu rapport dwar dan l-agir. Qal li l-kliem semghu u huma ma jittollerawx min jitkellem hazin. Rega rrepeta u qal li l-akkuzat qal *" Dan id-Direttur hara, Jiena barra nigri bil-pistola. Min ma jimxix seew mieghi il-ligi nohodha b'idi."*

Huma nfurmaw lill-appellant dwar ir-rapport li kienu intavolaw u infurmaw ukoll lis-sur Dalli peress li kien qieghed go guard room dwar dak li intqal u infetah il-kaz odjern. Jghid li kienu fid-Division 6. Mistoqsi kemm dam fid-Division 6 is-sur Zahra jghid li ma jafx. Mistoqsi jekk ittiehdux passsi dixxipliari kontra tieghu b'mod amministrattiv jghid li ma jafx.

**Helenio Galea** xehed nhar it-8 ta' Lulju 2018 u kkonferma li jokkupa l-kariga ta' spettur inkarigat mir-records gewwa l-habs. Gie mitlub sabiex jipprezenta xi rapporti li saru dwar incident li sehh nhar l-20 ta' Lulju 2018 Huwa pprezentahom u gew markati bhala dok HG1 u HG2. Fil-fatt hemm ir-rapport u d-decizjoni li ttiehdet mill-Bord tad-dixxiplina. Jghid li kien inghata piena ta' jumejn r*emission* bhala decizjoni  ghal min ma igibx ruhu sew fil-habs. Dawn il-

jiem pero ma jitqisux bhala kastig ta' dak ir-reat li jkun twettaq. Huwa jghid li ma kienx prezenti *ut sic* ghall-incident li sehh.

L-appellant **Joseph Zahra** xehed minn jeddu u b'mod volontarju nhar it-8 ta' Lulju 2022 u jghid li huwa qatt ma iltaqa' mas-sur Dalli u lanqas ma kien jaf min hu. Huwa kien ikun fid-division 6 biex jiskarta l-ghenqux tan-nies. Ghax fic-cellel l-ohra ikunu tnejn kul cella u huwa ihobb joqghod ghar-rasu. Qal li hu ilu imur il-habs minn mindu kellu tmintax-il sena u jafu differenti milli hu llum. Qal li huwa joqghod fic-cella wahdu u zgur li ma tkellimx fuq is-sur Dalli. Huwa jghid li ha erbtax-il jum remission u ghalhekk il-Qorti ma tistax terga ittih kastig iehor.

Semghet lill-partijiet jitrattaw il-kaz u dan fis-seduta tad-29 ta' Settembru, 2022.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi fl-ewwel aggravju tieghu l-appellant jistqarr li ma jistax jinghata piena ghaliex in effetti gja gie kkundannat meta deher quddiem il-Prison Board u inghata kastig ta' remission ghalhekk l-appellant isostni li dan hu kaz ta *ne bis in idem.*

Illi l-**artikolu 527 tal-Kapitolu 9 tal**-Ligijiet ta' Malta jaqra testwalment;

> *"Wara sentenza li f'kawza tillibera imputat jew akkuzat, dan ma jistax ghall-istess fatt ikun soggett ghal kawza ohra."*

Dana jippostula zewg elementi importanti u cioe' fl-ewwel lok irid ikun hemm sentenza fejn l-individwu jigi illiberat mill-akkuzi u fit-tieni lok illi l-persuna ma tigix sottoposta ghal proceduri godda dwar l-istess fatt u mhux l-istess reat, kuntrarjament ghal jedd imhares mill-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropeja li

jitkellmu dwar "ir-reat"[1]. Dan maghdud allura huwa indubitat illi l-principju ta' *ne bis in idem,* huwa applikabbli biss meta il-gudikabbli jkun gie ipprocessat dwar l-istess fatti jew l-istess reati quddiem qorti tal-gustizzja, kif inghad.

Fid-decizjoni "Sua Maesta' il-Re versus Agata Mifsud e Carmelo Galea" [15.6.1918] intqal li :

> "*un criterio pratico non meno che ragionale per determinare se ad un dato caso si applichi la regola "non bis in idem" e' quello appunto affermato dalla giurisprudenza ed accolto dalla dottrina giuridica in Inghilterra . "The true test by which the question whether such a plea (i.e. Autrefoit acquit) is a sufficient bar in any particular case may be tried, is whether the evidence to support the second indictment would have been sufficient to prove a legal conviction upon the first.*"[2]

Illi s-sentenza li taghmel esposizzjoni tajba ta' dana il-principju kif jinsab imhaddan fil-ligi taghna kemm penali kif ukoll kostituzzjonali hija dik moghtija mill-Qorti Civili Prim'Awla (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) **Il-Pulizija vs Nicolai (Nicolai-Christian) Magrin**[3].

> *"... Il-principju tan-ne bis in idem imhares fl-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni jimplika li persuna li tkun ghaddiet minn process dwar reat, m'ghandha qatt terga' tghaddi minn process iehor dwar tali reat jew dwar reati ohra li setghet tinstab hatja dwarhom fl-ewwel process. .... Illi dana is-subartikolu fil-Kostituzzjoni jaghti*

[1] Ara artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni
[2] Qorti ta'l-Appell Kriminali (per Imhallef Galea Debono) deciza fis-17 ta' Marzu 2008 fil-kawza fl-ismijiet il-Pulizija vs Nicolai
[3] sentenza deciza is-26 ta' Marzu 2009.

*harsien usa lil persuna mixlija minn dak moghti mill-artikolu 527 tal-Kodici Kriminali, sewwasew ghaliex jgholli l-eccezzjoni tan-ne bis in idem ghall-livell ta' garanzija kostituzzjonali bil-konsegwenza li persuna li jkollha dan il-jedd mhedded jew attwalment miksur quddiem qorti kriminali ghandha l-jedd tirrikorri ghall-protezzjoni quddiem qorti ta' xejra kostituzzjonali."*

Kif mistqarr mill-kompjant Imhallef William Harding ghar-rigward tat-thaddim tar-regola *ne bis in idem*:

*"The criminal action is extinguished ... when there has been one act on the part of the accused and he has already been convicted (or acquitted) of an offence founded on such act, and afterwards, he is again brought up for judgment on a different charge, but founded on the same act."*

Illi ghalhekk kif gie sottolinjat iktar 'il fuq fis-sentenza citata l-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni jipprovdi dwar id-dritt li l-ebda persuna li tkun ghaddiet minn procediment **quddiem Qorti kompetenti** [4]dwar reat kriminali (sew jekk tkun inhelset mill-akkuza u sew jekk tkun instabet hatja) ma tista' terga' titressaq mixlija fi proceduri ohrajn dwar dak ir-reat jew xi reat iehor li ghalih setghet instabet hatja fl-ewwel procediment.

Illi fil-kaz odjern l-akkuzat fl-ewwl lok ma pprezentat l-ebda decizjoni li nghata lilu mill-Bord tal-Habs u ghalhekk din il-qorti ma tistax tqis dak li qal Helenio Galea bhala fatt u dan ghaliex hu kontradett mill-istess appellant li jghid li ha 14 il-jum remission u mhux gurnata kif qal Helenio Galea. Pero oltre dan il-Qorti

[4] Sottolinear ta' din l-Onorabbli Qorti

rat li ma kien hemm l-ebda sentenza li nghatat minn Qorti fil-konfront tal-appellant fuq il-fatti tal-kaz odjerni u ghalhekk l-aggravju tal-ne bis inidem qed jigi michud.

Dwar it-tieni aggravju li din il-Qorti ma tistax issib htija fil-konfront tal-appellant ghaliex ma gewx esebiti l-ahjar provi u cioe il-filmati. Din il-Qorti ma hiex hawn sabiex tiggwida il-prosekuzzjoni fil-gbir tal-provi taghha u dan ghaliex hija d-decizjoni xi provi ghandha tressaq hi ghalhekk skond il-ligi kemm dawk favur kif ukoll dawk kontra. Zgur pero li ghandha tressaq l-ahjar prova. Issa jekk fil-fehma taghha x-xhieda moghtija mill-Correctional Officer hi bizzejjed ghal conviction din il-Qorti m'ghandhiex ghalfejn toqghod tinterferixxi mal-provi imressqa. Huwa d-dover taghha biss li hija tiddeciedi l-kawza fuq dawk il-provi akkwiziti fil-process. Issa f'dan il-kaz kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti l-provi migbura ma kienux bizzejjed sabiex tinstab htija fir-rigward tal-ewwel akkuza fir-rigward tad-Direttur tal-Habs u ghalhekk ghamlet tajjeb meta ddikjarat li ma kienx hati tal-akkuza fil-konfront ta' Alexander Dalli. Pero fir-rigward ta' offizi li saru fil-konfront ta' ufficcjali pubblici u cioe CO 230 M Aquilina u CO 238 D Camilleri jinghad li l-appellant qal kliem fil-konfront taghhom li jekk riedu setghu 'ibusulu l-b…' Jinghad ukoll li l-appellant b'referenza ghas-sur Dalli allegatament kien qal il-kliem '*Foxx kemm ghandu*" u meta l-ufficcjali qalu lill-appellant li ghandu rapport ir-risposta tieghu kienet "*tistghu tbusuli l-bajd*" u "*Tiehdu foxx kemm ghandkom*". Dawn il-kliem zgur li jammontaw ghal kliem mhux felici u ta' insolenza per out sic wahedhom fil-konfront tal-ufficcjali pubblici ma kienux intizi sabiex ibezzaghhom jew jinfluwixxi fuqhom xi pressjoni kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz. Huwa minnu li seta jirrizulta kontravenzjonijiet ohrajn bhal dik kontemplata fl-artikolu 339(1)(e) pero f'dan il-kaz tali akkuza ma gietx moghtija. Din il-Qorti hi tal-fehma li l-kliem li ntqalu mill-appellant ma kienux intizi sabiex jinfluwenzhom fl-andament ta' kif ghandhom jesegwixu xogholhom u ghalhekk din il-qorti ma hix

ser issib lill-appellant hati ta' dan ir-reat u konsegwentement qeghda tirrevoka s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti u tilliberah minn kull imputazzjoni u piena

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera
Imhallef

**Vera kopja**

Nadia Ciappara
Deputat Registratur